

**Il-Ħamis 6 ta' Ottubru 2016**

P8\_TA(2016)0382

## **Sitwazzjoni fis-Sirja**

### **Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar is-Sirja (2016/2894(RSP))**

(2018/C 215/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

- A. billi l-ostilitajiet fis-Sirja ħraxu drastikament, b'mod partikolari f'Aleppo, li ġarrbet bumbardament qawwi mill-ajru, fost l-oħrajn b'attakki fuq faċilitajiet mediċi; billi s-sitwazzjoni marret għall-agħar b'mod drammatiku u rapidu, minkejja l-isforzi tal-komunità internazzjonali biex tistabbilixxi waqfien mill-ġlied;
- B. billi l-Unjoni Ewropea hija fost il-kontributori ewlenin ta' għajjnuna umanitarja għan-nies li qed jaħarbu l-vjolenza u l-ħerba storiċi fis-Sirja; billi n-nuqqas ta' għaqda internazzjonali jagħmilha ferm aktar diffiċli li tintlaħaq soluzzjoni nnegozjata għall-gwerra fis-Sirja;
- C. billi l-UE għandha tissokta bl-isforzi tagħha u, kollettivament, permezz tar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni, taqdi rwol aktar qawwi fil-medjazzjoni ta' ftehim ta' paċi għas-Sirja;
  1. Jikkundanna bil-qawwa l-attakki kollha fuq iċ-ċivili u fuq l-infrastruttura ċivili; il-kontinwazzjoni tal-assedji kollha fis-Sirja u n-nuqqas ta' aċċess umanitarju għall-poplu Sirjan fil-bżonn; jesprimi t-tħassib mill-akbar tiegħu dwar it-tbatija umana fl-inħawi assedjati ta' Aleppo u fis-Sirja kollha, tbatija li taffettwa lil ħafna nisa u tfal li ma għandhomx aċċess għall-provvisti umanitarji essenzjali u li jinsabu fi bżonn estrem ta' ikel, ilma nadif u provvisti mediċi;
  2. Jiddeplora bis-sħiħ u inkundizzjonatament l-attakki reċenti fuq konvoj tal-għajjnuna umanitarja u fuq maħżen tan-Nofs Qamar l-Aħmar ħdejn Aleppo bħala ksur gravi u allarmanti tad-dritt umanitarju internazzjonali u bħala delitt tal-gwerra possibbli; jagħti gieh lill-ħaddiema umanitarji li tilfu ħajjithom fl-isforz biex jassistu lill-poplu ta' Aleppo u fis-Sirja kollha u jesprimi l-kondoljanzi l-aktar sinċieri tiegħu lill-familji u lill-ħbieb tal-vittmi; jitlob li daww ħatja wettqu delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità jbatu l-konsegwenzi u jinżammu responsabbli;
  3. Jistieden lill-partijiet kollha fil-kunflitt, u b'mod speċjali lir-Russja u lir-reġim ta' Assad, biex itemmu l-attakki kollha fuq iċ-ċivili u fuq l-infrastruttura ċivili, inklużi l-infrastruttura tal-ilma u dik tal-elettriku, jieħdu passi immedjati u kredibbli għall-waqfien tal-ostilitajiet, itemmu l-assedji kollha u jippermettu lill-organizzazzjonijiet umanitarji aċċess rapidu, sikur u bla xkiel, b'tali mod li jkun jistgħu jilhq lin-nies kollha fil-bżonn;
  4. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva umanitarja ta' emerġenza għal Aleppo, li, minbarra li timmobilizza fondi għal bżonnijiet umanitarji urġenti, għandha l-għan li tiżgura l-evakwazzjoni medika tal-midrubha u l-morda mil-Lvant ta' Aleppo, b'attenzjoni partikolari għan-nisa, it-tfal u l-anzjani; iħeġġeġ lill-partijiet kollha sabiex jagħtu b'urġenza l-awtorizzazzjonijiet kollha meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kunsenji ta' għajjnuna umanitarja u evakwazzjonijiet mediċi;
  5. Iħeġġeġ lill-parteċipanti kollha fil-Grupp Internazzjonali ta' Appoġġ għas-Sirja biex jissuktaw in-negozjati bil-għan li jiffaċilitaw tregwa stabbli u jintensifikaw il-ħidma biex tinstab soluzzjoni politika dejjiema fis-Sirja; jappoġġja bis-sħiħ l-isforzi tal-Mibgħut Speċjali tan-NU, Staffan de Mistura, f'dan ir-riġward;
  6. Jitlob li r-RGħ/VP iġġedded l-isforzi lejn strateġija komuni tal-UE riġward is-Sirja, li jkollha l-għan li tiffaċilita soluzzjoni politika fis-Sirja, u tinkludi għodod ta' monitoraġġ u infurzar sabiex issaħħaħ ir-rispett għall-ftehimiet u għall-obbligi stabbiliti fil-qafas tal-Grupp Internazzjonali ta' Appoġġ għas-Sirja;

**Il-Ħamis 6 ta' Ottubru 2016**

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE, lin-Nazzjonijiet Uniti, lill-membri tal-Grupp Internazzjonali ta' Appoġġ għas-Sirja, u lill-partijiet kollha involuti fil-kunflitt fis-Sirja.

---